# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroccaburmarrad.com
email:parbur@waldonet.net.mt

***LEĦEN IL-PARROĊĊA - JANNAR 2010 - NRU. 329***

Il-Paċi magħkom:

***Glorja l-Alla f'għoli tas-smewwiet!*** Għal grazzja ta' Alla il-ferħ tal-Milied, l-għaqda u l-imħabba kienu jinħassu fil-parroċċa tagħna speċjalment fil-lejl tal-Milied. Minn qalbi grazzi ħafna lil kull min ta is-sehem tiegħu: kumitati, għaqdiet u kummisjonijiet, kif ukoll tfal, adoloxxenti u żgħazagħ għaliex flimkien għamilna ċelebrazzjoni tassew tixraq lit-twelied ta' Ġesu Bambin.

Grazzi kbira lil Alla l-imbierek ta' din is-sena li huwa tagħna, għaliex mingħajru aħna ma aħna xejn. Tajjeb li nagħmlu resoluzzjoni għal din is-sena fejn fiha intejbu relazzjonijiet u ninsew id-differenzi tagħna. Iċċelebrajna ukoll il-festa tal-Familja Imqaddsa, Ġesu' Marija u Ġuzeppi, familja fejn kull familja għandha iżżommha bħala mudell għal familja tagħha. Veru li xi kultant fil-familja ikun hemm ħafna ostakli, problemi, indifferenzi, diffikultajiet; dan jiġri ukoll fil-parroċċa għaliex aħna ukoll familja. Imma ħuti naħseb li tafu daqsi li ukoll il-Familja Imqaddsa għaddiet minn ħafna problemi, u dawn baqgħu mexjin, ma qatgħux qalbhom għelbu kull ostaklu li kellhom quddiemhom, u hekk irridu nagħmlu aħna, il-barrieri, ħitan, blat li jinżlu quddiemna irridu inwaqqgħuhom u mhux inħalluhom ikunu ta' ostaklu. Għalhekk irridu naħdmu flimkien, u dan issir jekk jiena nemmen f'dak li nkun qed nagħmel, u li dak li nagħmel, nagħmlu għal Glorja ta' Alla u mhux għalija innifsi, għaliex hekk kif il-Familja Imqaddsa irnexxiela tibqa' għaddejja, hekk ukoll intom bħala familja kif ukoll aħna bħala parroċċa nibqgħu għaddejin, u li nħossu l-ferħ fil-qalb tagħna għaliex qegħdin naħdmu fl-għalqa tal-Mulej.

P. Donald M Bellizzi OFM. Conv.
Kappillan

# Ħsieb Spiritwali

## NIBDEW IS-SENA BI TBISSIMA

Jekk veru nemmnu f'dak li qal San Pawl, li li kieku Kristu ma qamx mill-mewt, fiergħa kienet tkun il-fidi tagħna, allura jkollna raġun nitbissmu mhux kultant, imma l-ħin kollu.

Il-qawmien uniku ta' Kristu mill-mewt joffrilna l-possibillta' li aħna wkoll ikollna sehem minn din il-ħajja divina li Hu rebħilna. B'mewtu u bil-qawmien tiegħu Hu rebaħ id-dnub u l-mewt b'tali mod illi m'hemm xejn f'din id-dinja li għandu jdejjaqna u jtaqqalna. San Pawl ifakkarna illi t-tbatijiet ta' issa m'huma xejn ħdejn il-glorja li għad trid tidher. Jekk Alla huwa magħna, min jista' jkun kontra tagħna? Min jista' jifridna mill-imħabba t'Alla? Taħbit, dwejjaq, persekuzzjoni, ġuħ, għera, xabla..?



M'hemm xejn f'din id-dinja li għandu jħawwad lin-nisrani. M'hemm xejn li għandu jtaqqlu u jinkwetah. Għax Alla qiegħed iżommna b'imħabba kbira fuq il-pala ta' jdejh, filwaqt li jassigurana illi anki jekk l-omm tinsa' lit-tarbija li nisslet f'gufha, Hu ma jinsina qatt. Il-ħsibijiet li għandi għalikom, igħid il-Mulej, huma ħsibijiet ta' sliem u mhux ta' ħsara. Jekk issejjħuli, jien nismagħkom, u nreġġagħkom lura mill-jasar tagħkom.

Imma, minkejja li dan kollu smajnieh kemm il-darba, kemm ngħaddu sigħat u ġranet ninkwetaw u nhewdnu għalxejn! Għandna bżonn lil xi ħadd maġembna li l-ħin kollu jfakkarna li Alla qiegħed ħdejna l-ħin kollu, bħal ragħaj li jindokra lin-nagħaġ tiegħu bla serħan.

Mela allura, in-nisrani veru li jemmen il-wegħdiet li Alla jagħmel fl-iskrittura u li wkoll esperjenza l-fedelta' t'Alla f'ħajtu, għandu raġun jafda f'Alla, anki meta jinqala' l-maltemp u l-ħażen iqum kontrieh. Anzi, aktar kemm toktor it-tbatija, aktar ikollu raġun jitbissem, għax fit-tbatija Alla juri l-qawwa tiegħu u l-fedelta' tiegħu mal-maħbubin tiegħu. Kultant veru naħsbu li seta' nsiena jew abbandunana, meta donnu d-dlam fil-ħajja jippersisti. Imma jekk nibqgħu trankwilli u fil-paċi, Hu jagħtina l-aqwa u l-isbaħ kif jaf Hu u meta jidhirlu Hu.

Darba waħda, il-famuż Gandhi qal hekk:
*Xejn ma jherri l-ġisem daqs l-inkwiet, u min igħid li jemmen f'Alla messu jistħi jinkwieta fuq xi ħaġa.*

*Nawguralek sena mimlija tbissim!*

Il-Kappillan flimkien mal-komunita' tal-patrijiet u kunsill parrokjali jixtiequ jawgurawlkom sena mimlija paċi, ferħ mingħand il-Mulej Ġesu'.

**AWGURI**

# DJARJU JANNAR

**Is-Sibt 2:** 5.30pm Adorazzjoni b'riparazzjoni għall-offiżi li issiru lill-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija u lill-Qalb ta' Ġesu'. Immexxija mill-Leġjun ta' Marija u Ċenaklu.

**L-Erbgħa 6 :** Laqgħa Kummisjoni Familja

**Is-Sibt 9 :** Ikla Buffet fir-Riviera Hotel. Min jixtieq jattendi jħalli ismu fis-sagristija. Tluq wara l-quddiesa ta' filgħaxija.

**Il-Ħadd 10 :** Laqgħa grupp Familji Insara f'10.30am, fil-Kunvent.

**Il-Ħadd 17 :** Fil-Parroċċa tagħna ser ikun hawn il-Bank tad-Demm Mis-7.00am sas-1.00pm.

**It-Tnejn 18 :** Laqgħa għall Membri tal-Mużew u katekisti, fil-qasam tal-Mużew Bniet wara il-ħin tal-Muzew tat-tfal.



# Sib il-Ħin Biex tqim lill-Ġesu'

**Il-Ġimgħa 22 :** **L-Ewwel Jum tal-Kwaranturi** – Ikun hemm is-sagrament espost il-ġurnata kollha. Wara l-quddiesa tas-6.15am ikun hawn l-espożizzjoni tas-sagrament fejn flimkien mal-komunita' tal-patrijiet jingħad it-talb ta' sbieħ il-jum u l-uffiċju tal-qari. Fil-5.30pm rużarju meditat u barka sagramentali. Il-quddiesa tkun bl-għasar u bil-ħsieb fuq l-Ewkaristija minn P. Joe Cila Ofm Conv.

**Is-Sibt 23 :** **It-Tieni Jum tal-Kwaranturi** – Ikun hemm is-Sagrament espost il-ġurnata kollha. Wara l-quddiesa tas-6.15am ikun hawn l-espożizzjoni tas-sagrament fejn flimkien mal-komunita' tal-patrijiet jingħad it-talb ta' sbieħ il-jum u l-uffiċċju tal-qari. Fil-5.30pm rużarju meditat u barka sagramentali. Il-quddiesa tkun bl-għasar u bil-ħsieb fuq Ewkaristija minn P. Joe Cila Ofm Conv.

**Il-Ħadd 24 :** **It-Tielet Jum tal-Kwaranturi**
Wara Quddiesa tat-8.30am ikun hawn l-Espożizzjoni tas-Sagrament. Fil-5.30pm rużarju meditat u barka sagramentali. Il-Quddiesa tkun bl-għasar u bil-ħsieb minn P. Joe Cila Ofm Conv. u animata bil-kant. Fl-aħħar tal-Quddiesa ssir purċissjoni bis-sagrament madwar iz-zuntier tal-Knisja u fit-tmiem tingħata l-Barka Sagramentali.

# Rokna għat-Tfal - Jannar 2010

## *Ħellow tfal! Nawguralkom is-sena t-tajba.*

Għadda l-Milied u bdiet sena oħra. Nispera li ħadtu gost f'dawn il-jiem. Kemm jiġri ż-żmien hux? Min jaf kemm qlajtu rigali sbieħ u li kontu ilkom tistennew. Min jaf kemm fraħtu hekk kif rajtu li qtajtu xewqitkom!

Issa li bdiet sena ġdida naħseb hawn minnkom li għandkom xi xewqa li tixtiequ isseħħ matul din is-sena 2010…….. Forsi hawn minnkom li smajtu l-kelma riżoluzzjoni.
Din hi xewqa li int tkun tixtieq tinqata'. Allura ssir fil-bidu tas-sena biex ikollok sena ċans biex tipprova tirranġa. Ħafna nies jagħmlu rizoluzzjoni fil-bidu tas-sena. Ħa nagħtikom xi eżempji:

- Ħafna nies peress li kielu ħafna matul il-festi jgħidu li ser jagħmlu d-dieta jew xi tip ta'eżerċizzju.
- Hawn min jiddeċiedi li jieqaf ipejjep jew li jgerrem id-dwiefer ta' jdejh.
- Min jgħid li ser jibda jsuq aktar bil-galbu….eċċ

Tfal, naħseb intom u taqraw dawn l-eżempji qed tgħidu, '' Imma aħna t-tfal ma nistgħux nagħmlu riżoluzzjonijiet għax dawn huma tan-nies adulti?'' Kulħadd għandu xi xewqa li jkun jixtieq li jirranġa xi ħaġa biex isssir aħjar. Ħa nagħtikom xi ideat:

- Ma tibqax titnikker biex tqum filgħodu għall-iskola
- Tibda taqra u tistudja ftit kuljum u ma tħallix kollox għall-aħħar jiem ta' qabel l-eżamijiet
- Ma toqgħodx tgerger biex tobdi lill-ġenituri
- Tibda tikteb aktar pulit u żżomm il-pitazzi u l-kotba fl-ordni
- Ma tħallix l-imbarazz jiġri ma' kullimkien fid-dar

Tfal, dawn huma ftit ideat. Tkun ħaġa sabiħa ħafna jekk tagħmlu riżoluzzjoni li din is-sena ser tgħinu aktar lil tfal oħra pereżempju: fil-brejk tilagħbu ma' dawk it-tfal li m'għandhomx ħbieb u issellfu l-affarijiet lil xulxin. Tkun ħaġa sabiħa jekk tagħmlu riżoluzzjoni bħal toqogħdu aktar attenti fil-klassi, tgħidu t-talb ta' filgħodu, qabel l-ikel u ta' filgħaxija, tmorru aktar spiss il-quddiesa…eċċ

Tfal, ftakru jekk xi darba tkunu nsejtu u ma żżommux l-wegħda li tkunu għamiltu ma jkun ġara xejn kbir.  Taqtawx qalbkom imma erġgħu ibdew agħmlu ħilitkom biex b'hekk tirrnexxilkom taqtgħu xewqitkom sa l-aħħar tas-sena.  B'hekk tkunu żammejtu r-riżoluzzjoni tagħkom.

Mela tfal x'riżoluzzjoni ser tagħmlu għas-sena 2010?

Nawguralkom u qatt taqtgħu qalbkom!!

## Talba tal-familja għall-familja



**O Alla Missier, itfa' l-ħarsa ħanina tiegħek fuq il-familja tagħna.  Int taf x'inhuma in-niket u l-ferħ tagħna.**

**Saħħaħ ix-xewqa tagħna li nkunu familja  magħquda.  Agħtina li nfittxu l-ġid ta' xulxin,   kabbarna  fil-paċenzja,  u meta nonqsu lil  xulxin,  agħtina l-kuraġġ li      naħfru u nibdew mill-ġdid.**

**Għallimna kif nitkellmu flimkien, b'mod speċjali meta ma naqblux, meta nkunu għajjenin jew mgħobbija bil-problemi.**

**Ħu ħsieb l-ulied li għoġbok tafdalna; żommhom fit-triq it-tajba. Poġġi fuq fommna, kelma tajba li tgħallem, iddewwi u twissi.**

**Fit-tentazzjonijiet u fl-għeja, ġedded fi qlubna l-ferħ u l-imħabba li kellna fil-bidu tar-relazzjoni tagħna.  Agħtina l-grazzja li, mhux nitkissru imma, nintrabtu aktar miegħek u bejnietna.**

**Il-Kelma tiegħek tkun il-fanal li jdawwalna; il-Ġisem u d-Demm ta' Ibnek, l-ikel li jqawwina. Sa ma jasal il-waqt li l-familja tagħna tingħaqad ma' Ġesu, Marija u Ġużeppi, fil-ferħ ta' dejjem.**

***Amen***

# TAJJEB TKUN TAF

- Fil-22, 23 u 24 ta' Jannar kwaranturi fil-parroċċa.
- Fis-6 ta' Jannar jibda' l-kors fuq is-Sagramenti li jkun fl-4.30pm fil-knisja minn P. Gorg Zammit Ofm Conv.
- F'Jannar sejrin nagħtu bidu għar-restawr tal-istatwa tal-faċċatta.
- Tajjeb tkunu tafu li nbeda x-xogħol fuq iċ-Ċentru tal-parroċċa li jinsab fi Triq Patri Wistin Magro.
- Mis-19 sas-26 ta' Frar se jkollna fostna lill-Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona.

**Rizultati tal-Kompetizzjoni:**
**Presepji u Galleriji jew Twieqi imzejna.**

**Kategorija Presepji:**

1. Mr & Mrs Albert Grech
2. Mr & Mrs Paul Grech
3. Mr & Mrs E. Fenech

**Gallarija Twieqi:**

1. Mrs Agnes Borg
2. Mr & Mrs Tony Biongiovanni



***Bdew il-Ħajja Nisranija:***

Gianluca Zammit - 6 ta' Diċembru 2009
Martina Thorne - 26 ta' Diċembru



***Ingħaqdu fis-Sagrament taż--Żwieġ***

Joseph Montebello u Monica Muchayi - 12 ta' Diċembru 2009